MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 232/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Michael Mallia]**

Vs

**Aldo Cini**

**Kumpilazzjoni Numru: 232/2009**

Illum, 11 ta’ Mejju, 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Aldo Cini ta’ 23 sena iben Victor u Maria nee` Parnis, imwieled ir-Rabat, Ghawdex fit-12 ta’ Frar, 1985 u residenti fil-fond ‘Macole’, Triq il-Kaccaturi, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 11185G;

Akkuzat talli nhar id-19 ta' Gunju, 2008 u fil-gimghat ta' qabel din id-data f' diversi lokalitajiet madwar Malta b' qerq fetah jew gieghel li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b' qerq ghamel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunika jew ghamel uzu minn xi tgharif miksub minn oggett postali hekk miftuh;

Kif ukoll talli fl-istess data u cirkustanzi, bhala ufficjal ta' operatur postali, agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skond id-dispozizzjoni ta' l-artikolu 30 tal-Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, moghti ai termini ta'l-artikolu 64 tal-Kap 254 tal-Ligjiet ta' Malta, sa biex jittiehdu l-proceduri odjerni kontra l-imputat.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Genareli biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 74 u 75 tal-Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fil-11 ta' Mejju 2009 meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 74 u 75 tal-Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------